**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 520/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Eliott Magro)**

**vs**

**Anthony D' Alfonso**

Illum, 28 ta' Jannar, 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Anthony D'Alfonso, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 633554M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-4 ta' Marzu, 2016 jew fil-ġranet ta'qabel f'numru 83, Triq Ħal Qormi, Santa Venera, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu innifsu, lil Jane D' Alfonso tħallas dejn, jew jesegwixxi

obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil istess fil-pussess ta' ħwejjiġha, jew ħatt bini, jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi ndaħal fi ħwejjiġha u dan bi ksur l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-27 ta' Ottubru, 2016 li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt Ewro (€500). Il-Qorti ma ghamlitx ordni skont l-artikolu 85(2) tal-Kap 9 in vista tal-fatti illi l-annimali mertu tal-kawza ma baqghux jinżammu fil-fond in kwistjoni;

Rat ir-rikors tal-appellant, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Novembru, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena; talab ukoll b'mod alternattiv ir-riforma tas-sentenza appellata billi tvarja l-piena nflitta u tirriduċi l-istess għal waħda aktar miti u idoneja fid-dawl taċ-ċirkostanzi u n-natura tal-każ;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz, brevement rakkontati, huma li l-partijiet kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni personali u l-kwerelanta kienet qed izzomm tigieg u fniek f'gallinari fuq il-bejt ta' residenza ta' zewgha li ghalkemm ma kienitx qed toqghod fiha kellha c-cavetta u awtorizzazzjoni biex taccedi f'dan il-fond. Gurnata minnhom l-parte civile ma sabitx ilma u ghalhekk ma setghetx tisqi lit-tigieg u fniek u wisq anqas tnaddfilhom. Dan kien dovut ghal fatt illi zewgha kien ghalaq il-vit tal-ilma li jissuplixxi t-tankijiet izda halla access tal-ilma fi bnadi ohra tad-dar inkluz il-kamra tal-banju. L-appellant jghid li ghamel hekk ghaliex kien qed isib hafna ilma mahmug qed jiskula mill-bejt u jcarcar mal-hitan ta' taht u ghalhekk ma kellu ebda triq ohra hlief li jghalaq is-sors tal-ilma billi jghalaq il-vit li jissupplixxi lit-tankijiet;

2. L-appellant jillanja s-sentenza tal-ewwel Qorti bi gravami dwar il-fatti u iehor dwar il-piena erogata. Fl-ewwel lanjanza tieghu, l-appellant jallega illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u l-ewwel argument li jressaq ghal-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti hu li l-"akkuza" (*recte:* imputazzjoni) hija wahda generika ghall-ahhar u mankanti minn kwalunkwe indikazzjoni cara ta' dak li minnu kienet privata l-parte civile. Dan, izda, hu gravam ta' natura legali u qed ikun minnufih michud ghaliex l-*avvizo di comparire* mahrug kontra tieghu huwa pjenament konformi mar-rekwizit tal-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali. Dan il-punt kien deciz diversi drabi mill-Qrati taghna u l-kaz odjern ma jippresta ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tezamina l-

konkluzjoni vigenti (ara in rigward s-sentenzi ta' din il-Qorti Il-Pulizija vs Brian Camilleri et 4.4.2016 u Il-Pulizija vs Duncan Cefai tal-14.4.2016 kif ukoll Il-Pulizija vs Glenn Debattista 23.12.2003);

3. Kwantu l-apprezzament tal-provi, l-appellant jillanja li l-ewwel Qorti ma setghetx issibu hati ghaliex l-agir tieghu konsistenti fl-eghluq tal-ilma ma sarx b'xi forma ta' pika jew tpattija izda sforz hsarat irreparabbli kkawzati mill-perkolazzjoni tal-provvista tal-ilma fil-kamra tal-banju. Jghid illi bil-agir tieghu ma kellu l-ebda intenzjoni li jfixkel lill-kwerelanta mill-pussess ta' hwejjigha;

4. Ezaminati l-provi mressqa, jemergi illi PS 1236 Joseph Gatt xehed illi l-kwerelanta kienet irrapurtat illi ftit tal-ħin qabel kienet marret titma l-fniek fir-residenza ta' żewġha u sabet il-main tal-ilma maqtugħ, ppruvat tiftaħ l-ilma mill-main iżda xorta wahda ma kienx hemm ilma u ma setgħetx tisqi lill-fniek u tnaddaf. Ftit wara reġgħet marret l-għassa ghaliex wara li vverifikat it-tank tal-bejt sabitu bla ilma w ż-żewġ laned tal-ikel tal-fniek kienu mxarrbin bl-ilma.

5. Il-kwerelanta kkonfermat dan kollu quddiem l-ewwel Qorti u ziedet tghid illi fil-kamra tal-banju kien hemm ilma u kienet ittella' xi erba' laned sa fuq il-bejt biex tisqi l-fniek u baqghet ghaddejja hekk sakemm nehhiet il-fniek. Hija ċaħdet li r-raġel kien qalilha li l-ilma ser jispiċċa u kienet xettika kemm verament kien qed jiskula ilma mill-bejt ghall-kamra tal-banju. Kienet tmur tnaddaf lill-fniek kull jum u tarmi z-zibel ta' kull jum ukoll oltre li taħsel il-kamra tal-bejt u

ghalhekk ma kienitx qed taghmel hsara fid-dar li hija proprjeta' parafernali ta' żewġha. It-tliet tankijiet in kwistjoni kienu vojta minkejja li bil-vit miftuħ;

6. L-imputat xehed illi kien ilu ħmistax jgħid lill-kwerelanta li kien dieħel l-ilma mis-saqaf fil-kamra tal-banju. Filgħaxija kien jimsaħ l-ilma kollu u kien jgħid lil martu biex tmur tara minn fejn dieħel dak l-ilma. Filgħaxija kien jimsaħ l-ilma u filgħodu jerġa' jsib l-ilma. Martu, l-kwerelanta kienet tinnega li l-ilma dieħel mill-kamra tal-fniek. Jghid li kien ikun hemm ħmieġ kbir u mir-ritratti tidher l-għamara li huwa beda joħroġ biex ma tixxarrabx u filghaxija kien jerga' jsib l-ghamara fil-kamra tal-banju. Jghid ukoll li kien avzaha li ser jagħlaq l-ilma u dam magħluq madwar tliet ġimgħat għax kellha ħażna sew ta' ilma fit-tankijiet. Mill-bqija provvista ta' ilma kien hemm kullimkien.

7. Bint il-partijiet xehedet illi l-ilma li kien jinżel fil-kamra tal-banju ma kienx nadif u dan l-aħħar kien qed ikun kontinwament mal-art. Missierha kien joħroġ unit tax-xugamani u filgħaxija jerġa' jsibu ġewwa u kien ċempel lil ommha biex tara x'ser tagħmel bil-problema tal-ilma;

8. Illi kif kostantement ritenut fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (ara fost l-oħrajn 'Il-Pulizija vs Maris Dimech et tad-9 ta' Mejju 2012. Qorti tal-Appell Kriminali) sabiex jikkonfigura r-reat ta' ragion fattasi jridu jikkonkorru dawn l-erba' elementi:

*'(a) att estern li jispolja lil xi ħadd ieħor minn ħaġa li jkun qed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppożizzjoni, espressa jew preżunta ta' dan il-ħaddieħor;*

*(b) il-kredenza li l-att qed isir bi dritt;*

*(ċ) il-koxjenza li hu qiegħed jagħmel di diritto braccio dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika; (jew fi kliem il-Crivellari, 'Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpetato Torino 1895, Vol VI paġina 749 'li persuasione di fare da se' cio' che doverebbe forsi reclamando l'opera del Magistrato);*

*(d) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara fost diversi sentenzi, 'Il-Pulizija v Salvatore Farruiga, Appell Kriminali 14 ta' Diċembru 1957 Vol XLI.IV.1506; Il-Pulizija vs Charles Farrugia App.Krim. 17 ta' Frar 1995; Il-Pulizija v Carmelo Ciantar 18 ta' Settembru 1996; ara wkoll Falzon G. Annotazioni alle Legge Criminali (Malta) 1872 p.123). Hu risaput li l-istess att materjali jista' jagħti lok għar-reat ta' ragion fattasi jew għal reat ieħor (ħsara volontarja, serq) u jekk ikun hemm dana r-reat ta' ragion fattasi jew xi reat ieħor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-aġent. Hu rrilevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bħala intenzjoni speċifika jew intenzjoni ġenerika.'*

9. Minn ezami tas-sentenza appellata, jidher illi l-ewwel Qorti xtarret sew dawn l-elementi u jonqos ghalhekk li jkun ezaminat jekk applikatx dan l-insenjament ghall-provi akkwiziti. Fil-kaz odjern, l-appellant ammetta li kien għalaq hu stess l-ilma u għalhekk m'hemmx kontestazzjoni. Lanqas ma huwa kontestat li d-dar hija proprjeta' parafernali tal-appellant. Imma din hija d-dar matrimonjali u li ghaliha

kellha access l-kwerelanta u ghalhekk kellha 'pussess' tad-dar għaliex hija kienet tabita hemmhekk u setgħet tagħmel l-użu minnha;

10. Issa, kwantu l-intenzjoni tal-appellant fl-agir tieghu li jaqta' l-provvista tal-ilma, qed issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti Il-Pulizija v Angelo Pace' tal-25 t'Ottubru, 2002 fejn kien ritenut hekk::

*"Il-Prosekuzzjoni kellha tipprova, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li dak li għamel l-appellant għamlu biss biex jeżerċita dritt li hu kien jippretendi li għandu fuq dawk iċ-ċwievet u l-pjanċi, u mhux biex jagħmel xi ħsara lil martu (hi x'inhi l-klassifikazzjoni legali li fiha tinkwadra dik il-ħsara, bħal, per eżempju, serq, ħsara materjali fil-proprjeta' (artikolu 325), vjolazzjoni tal-proprjeta' (artikolu 340(d)). Hu immaterjali f'dan ir-rigward li l-artikolu 331 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li, salv għal ċerti eċċezzjonijiet, ir-regola hi li ma hemmx azzjoni kriminali għal reati kontra l-ħwejjeġ tar-raġel jew tal-mara.......mill-provi li ressqet l-istess prosekuzzjoni jidher ċar li dak li għamel l-appellant ma għamlux għax hu kien jemmen li kellu xi dritt jagħmel hekk iżda sempliċiment biex jivvessa lil martu.'*

11. L-istess kien ritenut fis-sentenza 'Il-Pulizija v Eileen Said' tad-19 ta' Ġunju 2002 fejn intqal:

'*Element kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali, fis-sens li l-aġir ta' dak li jkun irid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati ta'*

*serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' ħaddieħor, per eżempju. Għalhekk hemm bżonn li ssir indaġini fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkomettiet dan ir-reat biex tagħmel dak li għamlet.'*

12. Fil-kwistjoni odjerna, l-imputat ma ghalaqx il-provvista tal-ilma ghaliex kien hemm xi hsara li minhabba fiha kien johrog ilma mit-tankijiet li jmur fuq il-hmieg tal-fniek u jispicca f'kamra sovrastanti l-bejt. L-imputat ghalaq il-provvista sabiex l-kwerelanta ma tkunx tista' tuza daqstant ilma kemm tixtieq, apparentement b'mod indiskriminat, tant li kien ikollha toqghod ttella' l-ilma mill-kamra tal-banju li tinsab taht il-bejt. L-imputat ghalhekk ghamel dan sabiex jikkontrolla lill-kwerelanta u dan il-movent jikxef l-intenzjoni tieghu fl-agir hawn lamentat. Tant hu hekk illi mkien ma jghid li avza lill-kwerelanta li ghalaq l-ilma ghat-tankijiet ghaliex kien hemm xi hsara u li minkejja dan tista' tinqeda mill-kamra tal-banju;

13. Il-Qorti ma taqbilx mal-lanjanza tal-imputat ghaliex l-eghluq tal-ilma li jissuplixxi t-tankijiet ta' fuq il-bejt kien intenzjonat biex iwaqqaf lill-kwerelanta milli tkompli taghmel uzu minn dawk it-tankijiet. Huwa inutili ghall-appellant li jghid li xorta wahda halla access ta' ilma fil-kamra tal-banju jekk mill-istess sors, anke jekk b'aktar inkonvenjenza, l-kwerelanta setghet xorta wahda tibqa' tixhet ilma fuq il-bejt li jiskula, skond l-imputat, mal-hitan ta' taht. Huwa minnu, kif inhu manifestament evidenti, illi l-kwerelanta riedet tippika mal-imputat izda kien l-imputat li messu rrikorra ghall-

protezzjoni li toffri l-ligi kontra l-kwerelanta u mhux li jiehu f'idejh dak li rizervat li jaghmlu l-awtoritajiet;

14. Illi ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta fl-analizi tal-provi mressqa u fil-konkluzzjoni dwarhom u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

15. Kwantu l-aggravju dwar il-piena, hija l-ewwel Qorti li kienet l-ahjar pjazzata biex tiddeciedi dwar il-piena l-aktar idonea. La darba din hi fil-parametri stabbiliti fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali u ma hemm xejn x'jiddimostra li din kellha tkun anqas minn dik erogata, din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti in rigward;

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud fl-intier tieghu;